**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 23 – IT-TLIETA, 3 TA' LULJU 2012**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fl-4:15pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi *Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Pierre Sciberras | Viċi-Sindku |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skużata: | Evelyn Muscat | Membru |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

1.2 Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

2.1 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri preżenti li l-kwistjoni tad-dawl fi Triq San Franġisk t'Assisi ilha għaddejja għal aktar minn sena. Żiedet tgħid li preżentament għaddejja kwistjoni fuq it-talba minn Transport Malta biex jitħaffru trinek fil-wisgħa u li jgħollu l-ispiża b'mod drastiku.

2.2 Is-Sinj. Cuomo semmiet il-konversazzjoni li kellha mas-Sur Jonathan Vella, Deputat Chairman ta' Transport Malta, dwar il-*bridle path* fi Triq Qalet Marku. Mid-diskussjoni ħareġ li l-investigazzjonijiet kienu għadhom għaddejjin. Hija kompliet li kellha ssir laqgħa fuq il-post il-jum ta' qabel iżda ġiet imħassra mis-Sur Vella.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-ISTEMMA

3.1 Iċ-Chairperson ressqet għall-approvazzjoni id-disinn tal-istemma kif ippreparata mill-Eraldiku s-Sur Adrian Strickland. Kopja tagħha hija annessa f'A.

3.2 L-istemma kienet approvata b'mod unanimu kif ippreżentata.

## 4. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET TAX-XOGĦOL TAL-BANKINI

4.1 Is-SE ressaq fuq il-mejda kopja tal-kont tax-xogħol tal-bankini li kien ukoll iċċertifikat mill-Perit tal-Kunsill.

4.2 Il-Kumitat approva l-kont għall-ammont ta’ €11,080.51 b’mod unanimu.

## 5. FULJETT GĦAL BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

5.1 Is-Sinj. Cuomo stqarret ix-xewqa tagħha li kien jilħaq jiġi ppublikat il-fuljett iżda jekk dan mhux se jkun possibli allura kellha imqar tintbagħat *flyer* li tirriklama l-attività.

## 6. L-ATTIVITÀ ARTS IN THE PARK

6.1 Is-Sinj. Vella infurmat li l-ħanut À L’Orange aċċetta li jisponsorja parti mill-ispejjeż għall-attività. Is-SE informa li dan kien se jsir jekk il-Kumitat jaċċetta li jtih l-ispazju tal-istalls tal-ikel u x-xorb b’mod esklussiv. Filwaqt l-Kumitat ma sab l-ebda oġġezzjoni fil-prinċipju, kien hemm qbil li għandhom ikunu mistoqsija wkoll il-ħwienet l-oħra f’Baħar iċ-Ċagħaq.

6.2 Is-Sinj. Cuomo infurmat li kellha konferma tal-parteċipazzjoni mingħand dawn li ġejjien:

- Il-kantanta Claudette Pace.
- L-artist Mark Mallia ta konferma kemm għall-ġurnata tal-Ġimgħa kif ukoll għall-ġurnata tas-Sibt.
- Is-Sinj. Kristina Shranz ta’ Dance Project.

6.3 Min naha l-ohra l-Kumitat għadu ma kisibx konferma mingħand is-Sur Ron Micallef; il-kumpanija Curtain Raiser; l-għaqda BMX Riders; u mingħand is-Sinj. Annabelle Attard fost l-oħrajn.

6.4 F’dan id-dawl is-Sur Woods ħa r-responsabilità li jitkellem mas-Sur John Zammit tal-BMX Riders sabiex jipproponilu li jipparteċipa għal din l-attività. Mit-telefonata li għamel waqt il-laqgħa mas-Sur Zammit irriżulta li tal-BMX Riders jistgħu jiġu fil-ġurnata tal-Ġimgħa 27 ta’ Lulju, għall-ħabta tas-7:00pm. It-triq proposta se tkun Triq ix-Xambekk.

6.5 Il-Viċi Sindku offra li jieħu ħsieb il-promozzjoni ta’ din l-attività. Dan ifisser li se jieħu ħsieb id-disinn u t-tqassim tal-fuljetti u l-posters filwaqt li offra li jitkixxef dwar il-possibilità ta’ xi reklam fuq il-billboards. Huwa żied jgħid li kien se jitkellem mal-kantant Kurt Calleja kif ukoll ma’ kumpanija li joffru s-servizzi tad-dawl u *sound* għal waqt l-iljieli tal-attività.

6.6 Il-Kumitat qabel li jordna x-xogħol ta’ disinn tal-flyers u billboard għall-prezz minimu ta’ €50.

6.7 Kien hemm qbil unanimu li għandha tintalab kwotazzjoni fuq is-servizz ta’ gwardjan mill-Ġimgħa 27 għas-Sibt 28 ta’ Lulju, 2012 sabiex jieħu ħsieb l-apparat tad-dawl u l-mużika minn meta jintrama l-apparat sal-ħin li tibda l-aħħar attività u eskluż il-ħin tal-attività tal-Ġimgħa.

6.8 Is-Segretarju informa li se jieħu ħsieb jara jekk is-Sur Kevin Morris huwiex interessat li jipparteċipa f’din l-attività.

6.9 Minkejja l-konferma u x-xogħol li ġie ddelegat s'issa b'risq l-attività tal-*Arts in the Park* kien għad hemm ħafna xogħol xi jsir. Fost ix-xogħlijiet li ssemmew s'issa huma dawn:

- Is-servizz t'ambulanza.
- Issemma s-Sur Guido Bonett bħala esebitur ta' ritratti professjonali.
- Wirja ta' karozzi tul Triq l-Arzella jew/u Triq Anton Manwel Caruana.

6.10 Is-Sur Bonello ġibed l-attenzjoni li kellna noqogħdu attenti li fiż-żewġ t'iljieli tal-attività l-*isprinklers* ma jridux jinxtegħlu. Dan għaliex ta' kuljum huma jiġu mixgħula għall-ħabta tal-11:30pm.

6.11 F'dan il-ħin is-Sur Woods kien skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

## 7. ĦWEJJEĠ OĦRA

7.1 Il-membri tal-Kumitat ilkoll qablu li fiċ-ċirkulari li qiegħed jaħdem fuqha s-Sur Woods għandu jkun hemm avviż dwar is-servizz tal-karozzi tal-Arriva.

7.2 Barra minn hekk is-Sinj. Vella sostniet li kellu anke jiġi inkluż il-programm tal-isports. Dwar dan is-Sinj. Vella infurmat li l-kors tal-*Pilates* se jibda jkun kull nhar ta' Tlieta għall-ħabta tad-9:00am; il-kors tal-*Aerobics* huwa maħsub li se jibda għal Settembru filwaqt li z-*Zumba* huwa mistenni li jkun kull nhar t'Erbgħa għall-ħabta tat-8:00pm.

## 8. TMIEM IL-LAQGĦA

7.3 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 31 ta' Lulju 2012 fl-4:00pm.

7.4 Il-laqgħa intemmet fis-18:00pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |

A

# ADMINISTRATIVE COMMITTEES

PROPOSED SHIELDS OF ARMS

Shield of Arms for the Administrative Committee of Baħar iċ-Ċagħaq.



**Baħar iċ-Ċagħaq**

The proposed arms incorporate elements that fit the name and function of the origins of this locality at the same time symbolically indicating its appearance.

The field is divided horizontally into a wavy white and blue background indicating Baħar and a series of golden pebbles in the lower half indicating Ċagħaq.

This shield of arms is encircled by a border of the colours of Malta namely white and red. The checked border is indicative of an Administrative Committee.

The blazon would read: Party per fess, barry undy of eight Argent and Azure, semy of pebbles Or, within a bordure compony Argent and Gules.